# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 94/09/1 JPG**

**Francis Portelli**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana) u William Grech**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Direttur-Ġenerali tad-Dwana minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ħelset lill-intimat William Grech mill-ħarsien tal-ġudizzju u laqgħet l-

ewwel żewġ talbiet tal-attur Portelli u sabet li l-aġir tal-intimat Direttur-Ġenerali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") fiż-żmien meta seħħ il-każ kien abbużiv u illegali għax jikser l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropea; ċaħdet it-talbiet l-oħrajn tal-attur u kif ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimat u ordnat lill-appellant iħallas l-ispejjż tal-kawża;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur jgħid li skont l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropea (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Trattat") [1], restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni, fosthom merkanzija ta' prodott alkoħoliku, u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri. Minkejja dan, jixli lill-appellant b'teħid ta' miżuri bi ksur ta' dak l-istess Artikolu meta, wara li ngħata l-permess biex idaħħal f'Malta minn barra konsenja ta' xorb li kellu jużah f'festin privat, awtoriżża l-konfiska tal-istess konsenja mal-wasla tagħha f'Malta. Jgħid li bl-imġiba tal-appellant u tal-intimat William Grech (li kien il-fizzjal tad-Dwana li fiżikament żamm id-dħul tal-konsenja), huwa ġarrab dannu u jrid li jkun kumpensat għalih;

3. Illi l-intimati laqgħu għat-talbiet tal-attur billi qalu li l-attur innifsu jaħti li naqas li jmur jirtira l-konsenja miżmuma sa mill-għada stess li nżammet għal investigazzjoni. Filwaqt li qalu li l-intimat Grech ma jmissux iwieġeb

[1] Illum mibdul bl-Art. 34 tat-Trattat dwar il-Funzjonament dwar l-Unjoni Ewropea tas-26.10.2012 (TFUE) (ĠU C326).

għall-ilmenti tal-attur personalment, saħqu li d-Dwana mxiet ma' dak li titlob il-liġi u li l-liġi nnifisha tagħti lid-Dipartiment is-setgħa li tiżgura u tieħu l-miżuri meħtieġa biex tara li ma jiddaħħlux f'Malta prodotti tas-sisa li ma jkunux għal għan kummerċjali. Iġġustifikaw iż-żamma tal-konsenja li ġab miegħu l-attur fuq is-saħħa tal-fatt li mad-daqqa t'għajn id-dokumenti li wera lill-fizzjal ma kinux jaqblu mal-konsenja li kien qed iġorr u li, f'kull każ, il-proċess ta' verifika ħa biss ftit sigħat sakemm ingħatat tifsira tad-diskrepanza, u l-attur kien f'qagħda li seta' jirtiraha. Ċaħdu li mxew mal-attur b'mod abbużiv jew bi ksur tal-liġi u jixluh li kien hu li fixkel lid-Dipartiment fil-qadi ta' dmirijietu u li ħoloq tensjoni bla bżonn. Billi mxew b'bona fidi, ma kellhom jagħmlu tajjeb għal ebda danni pretiżi mill-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat");

4. Illi biex waslet għas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> ***"Ikkonsidrat;***
>
> *Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrenti jargumenta li l-konkluzjoni tal-Perit Legali kienet zbaljata peress illi tikkostitwixxi applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi Ewropeja. Huwa jikkontendi illi l-ispezzjonijiet tal-ufficjali tad-dwana jammontaw ghal dak komunement maghruf fil-gurisprudenza tac-CJEU bhala* ***Measure Equivalent to a Quantitative Restriction*** *(MEQR).*
>
> *Il-Qorti qieset is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja citati mir-rikorrent fir-rigward ta' kif spezzjonijiet jista' jammontaw ghal MEQRs, u rat ukoll is-sentenza fil-kaz ta'* ***Rewe Zentralfinanz (Case 4/75)*** *fejn fuq l-istess linja ta' hsieb il-Qorti Ewropeja kienet irrilevat illi:*
>
>> ***"[i]t follows that phytosanitary inspections at the frontier which plant products, such as apples, coming from another Member State are required to undergo, constitute measures having an***

> ***effect equivalent to quantitative restrictions within the meaning of Article 30 of the Treaty, and are prohibited under that provision subject to the exceptions laid down by Community law."***

*Il-Qorti tqis pero illi dak enuncjat f'dawn is-sentenzi m'huwiex necessarjament applikabbli ghal kaz de quo. Dan ghaliex dawn is-sentenzi kienu qed jikkonsidraw sitwazzjoni fejn* ***l-ispezzjonijiet ta' prodotti*** *dehlin fil-pajjiz minn pajjiz komunitarju iehor* ***kienu obbligatorji****, fattur li kien determinanti fir-ragunament tal-Qorti Ewropeja, kif jidher mis-segwenti bran:*

> *"Article 30 of the Treaty prohibits quantitative restrictions on imports and all measures having equivalent effect between Member States.*
>
> *For the purposes of this prohibition it is enough for the measures in question to be capable of acting as a direct or indirect, real or potential hindrance to imports between Member States.*
>
> *In accordance with Article 2 (2) of Commission Directive No 70/50/EEC of 22 December 1969 (OJ 1970, No L 13, p. 29) measures having equivalent effect are those which make imports subject to a condition which is required in respect of imported products only or a condition differing from that required for domestic products and more difficult to satisfy.*
>
> *It is clear from the questions put that the phytosanitary inspections in question only concern importations of plant products and that similar domestic products, such as apples, are not subject to comparable* ***compulsory examinations*** *for the purpose of distribution.*
>
> *These inspections thus amount to a condition which is required in respect of imported products only, within the meaning of Article 2 (2) of the abovementioned directive.*
>
> *Moreover, as a result, in particular, of the delays inherent in the inspections and the additional transport costs which the importer may incur thereby, the inspections in question are likely to make importation more difficult or more costly.*
>
> *It follows that phytosanitary inspections at the frontier which plant products, such as apples, coming from another Member State are* ***required to undergo****, constitute measures having an effect equivalent to quantitative restrictions within the meaning of Article 30 of the Treaty, and are prohibited under that provision subject to the exceptions laid down by Community law."*

*"Minn dan il-bran il-Qorti tifhem illi l-fattur krucjali fir-ragunament tal-Qorti Ewropeja kien illi galadarba l-ispezzjonijiet kienu obbligatorji allura prodotti vegetali li kienu diehlin minn pajjiz iehor komunitarju kienu suggetti ghal trattament differenti minn prodotti domestici, li jfisser illi tali mizuri jammontaw ghal MEQR.*

*F'dan il-kaz ma rrizultax illi l-ispezzjonijiet ta' persuni niezlin mill-*

*katamaran kienu obbligatorji fil-ligi u ghalhekk huwa car illi s-sitwazzjoni in dezamina hija kemmxejn differenti minn dik analizzata fil-kaz citat, u dawk citati mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.*

*Il-Qorti ma taqbilx ukoll mal-argument tar-rikorrent illi l-ammont ta' alkohol li jkun qed jingarr huwa uzat bhala l-unika fattur fl-evalwazzjoni ta' jekk ix-xorb alkoholiku li qed jiddahal huwiex ghal uzu personali jew ghal skopijiet kummercjali. Fil-fatt jirrizulta mid-dokument ezebit a fol 11 illi l-ammont ta' xorb alkoholiku li kien qed jingarr mir-rikorrent*[2] *kien jeccedi sostanzjalment l-ammont stipulat fid-Direttiva bhala ammont illi johloq il-presunzjoni ta' uzu personali,*[3] *u nonostante dan l-ufficjali tad-Dwana irrilaxxaw ix-xorb wara li waslu ghal konkluzjoni illi dan ix-xorb kien qed jiddahhal Malta mir-rikorrent ghal uzu personali f'festin illi kien qed jorganizza ghal hbieb u familjarji. Ghalhekk huwa car illi fil-kuntest ta' evalwazzjoni fir-rigward ta' jekk ix-xorb huwiex intiz ghal uzu personali jew ghal skopijiet kummercjali ma kienet qed issir l-ebda applikazzjoni jew interpretazzjoni hazina tal-ligi minn naha tal-awtorijiet koncernati, u f'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi l-evalwazzjoni maghmula mil-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu hija fondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Mifhum dan, il-Qorti hija mhassba dwar il-proceduri adottati mill-awtoritajiet koncernati ghad-dhul ta' prodotti soggetti ghas-sisa f'Malta minn pajjizi membri tal-Unjoni Ewropeja, u dan senjatament fid-dawl tax-xhieda ta' Anthony Busuttil, Director Enforcement fid-Dipartiment tad-Dwana li xehed illi* ***fiz-zmien relevanti kien hemm bzonn li ssir talba biex jigi impurtat xorb ghal uzu personali****, qabel jew malli issir l-importazzjoni,* ***u jekk ma ssirx din it-talba, jinzamm ix-xorb****. Aktar tat-thassib minn hekk, huwa l-fatt li r-rikorrent, wara li kien issottometta tali talba lid-Dipartiment tad-Dwana, u spjega ghalfejn kien qieghed idahhal dik il-kwantita ta' xorb (liema talba giet accetta mill-istess Dipartiment) xorta wahda gie soggettat ghall-ispezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana u ghall-interogazzjoni minn seba' ufficcjali tad-Dwana u membri tal-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti tinsab preokkupata ferm bid-deferenza mhux flokha li Grech wera lis-superjur tieghu Micallef u bid-decizjoni tieghu (ta' Grech) li ma jiddisturbahx minkejja li dan l-ufficcjal kien tal-Ghassa, waqt li ma ra xejn mhux floku illi jinterroga lir-rikorrenti ghal siegha flimkien ma' sitt ufficcjali ohra tad-Dwana u Pulizija.*

*Il-Qorti ma tistghax ma tinnotax illi "d-diskrepanza" allegata minn Grech rigward il-lista (liema lista kienet stampata fuq karta unika) kienet tikkoncerna nuqqas ta' stampar t'asterisk fuq uhud mill-items ta' xorb indikati fuq l-istess lista. Dawn l-asterisk kienu imputted mill-istess rikorrenti fuq din il-lista. Dan l-asterisk jidher illi ma tfaccawx fuq il-fax copy li kellu f'idejh Grech. Din kienet l-uniku "diskrepanza". Ghalhekk il-Qorti ma tistghax ma tqisx "id-diskrepanza" bhala wahda tant lieta li kwazi kwazi tavvicina pretest.*

*Il-Qorti hija ugwalment mhassba 'l ghaliex semplici verifika tal-lista*

[2] Tmienja u tletin litru.
[3] Ghaxar litri.

*intiera" fuq il-kompjuter kienet tibbasta biex tirrisolvi l-kwistjoni kollha. Jekk l-equipment tad-Dipartiment tad-Dwana is not fit for purpose certament m'ghandux jbaghti r-rikorrenti li ghamel aktar minn dak rikjest mill-ligi* ***proprju biex ma jigrix dak li gara.***

*Dana kollu irid jigi apprezzat, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, fl-isfond t'ammont sostanzjali ta' mis informazzjoni li r-rikorrenti nghata mill-ufficcjali varji tad-Dipartiment tad-Dwana meta ghamel it-talba tieghu ghall-importazzjoni t'oggetti t'alkohol minn pajjiz Ewropew.*

*Fic-cikorstanzi fuq spjegati l-Qorti tqis illi l-frustrazzjoni li espremew ir-rikorrenti, ibnu u l-impjegat Galea ma setghax kien hlief mistenni.*

*Il-moviment liberu ta' prodotti huwa wiehed mill-erbgha libertajiet fondamentali li fuqhom hija fondata l-Unjoni Ewropeja u wiehed mill-principju fundamentali tat-Trattat. Dan id-dritt huwa wiehed mill-pilastri li fuqhom huwa bbazat is-suq intern. Dan il-moviment liberu huwa assigurat tramite l-eliminazzjoni ta' hlasijiet ta' dwana u quantitative restrictions u il-projbizzjoni ta' MEQRs.*

*Mix-xhieda ta' Anthony Busuttil jidher illi l-ispezzjonijiet li kienu jsiru mill-ufficjali ta' dwana ma kienux isiru biss meta jkun hemm* ***suspett ragonevoli*** *li persuna tkun qed idahhal xorb alkoholiku ghal skopijiet kummercjali.* ***Dan tant illi skont hu, kull persuna li ma kienetx taghmel talba appozita kienet tkun awtomatikament soggetta ghaz-zamma tax-xorb illi tkun dahhlet.*** *Inoltre, kif jidher mill-kaz prezenti, anke l-fatt li ssir tali talba, li sahansitra tigi accettata mid-Dipartiment tad-Dwana, ma tezonerax lil persuna involuta milli tigi assoggettata ghall-ispezzjoni hekk kif tidhol fil-port f'Malta. Minn din ix-xhieda jirrizulta illi l-persuni li jidhlu fil-port Malta minn pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja, almenu fiz-zmien relevanti, kienu soggetti awtomatikament fil-prattika ghall-ispezzjoni mill-ufficjali tad-dwana, minhabba l-fatt biss li diehlin minn pajjiz iehor, u* ***mhux ghaliex l-ufficjali tad-dwana ikollhom suspett ragonevoli illi qieghdin idahhlu prodotti soggetti ghal hlas ta' sisa ghall-skopijiet kummercjali.***

*Ghalhekk ghalkemm il-ligi ma kienetx tipprovdi ghall-imposizzjoni ta' spezzjonijiet mandatarji, mix-xhieda ta' Anthony Busuttil jirrizulta li din kienet il-procedura adotta fir-realta', u li anzi persuni li riedu jimportaw xorb alkoholiku minn pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja* ***kellhom jaghmlu talba appozita lid-Dipartiment tad-Dwana****. Fil-kaz in ezami, ma rrizultax mill-provi illi l-ufficjali tad-dwana* ***kellhom suspett ragionevoli*** *sabiex jaghmlu spezzjoni fil-vettura tar-rikorrent meta dahal Malta minn Sqallija, specjalment meta kienu jafu,* ***ghaliex gew avvzati minnu stess****, li r-rikorrent kien ser idahhal ammont ta' xorb alkoholiku biex jintuza f'festin privat organizzat minnu ghall-familjarji u hbieb tieghu, u d-Dipartiment tad-Dwana ta l-permess esplicitu ghal dan.*

*Il-Qorti tqis illi l-prattika ta' spezzjonijiet mandatorji mill-ufficcjali tad-Dwana, tmur kontra il-liberta ta' moviment ta' prodotti gewwa l-Unjoni Ewropeja u li ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent huma fondati. Ir-responsabbilita ghal dan pero naturalment ma tistax taqa' fuq l-intimat William Grech personalment, illi kien qieghed biss jsewgi l-prassi li dejjem adatta d-Dipartiment.*

*Il-Qorti pero tqis illi r-rikorrent ma sofra l-ebda danni kagun ta' din il-prattika u l-agir tad-Dipartiment intimat. L-ewwel net, kif inghad fis-sentenza tal-appell tal-Qorti Ingliza citata mir-rikorrent stess fil-kaz ta' Hoverspeed, il-fatt wahdu li l-ispezzjoni ma tkunx lecita ma jfissirx neccesarjament illi z-zamma tax-xorb sakemm saru l-verifiki necessarji kienet ukoll abbuziva. Fil-fatt fil-kaz ta' Hovercraft il-Qorti tal-Appell Ingliza ma hassitx illi kien hemm "...any unfairness in the seizure of the goods liable to forfeiture, even though their presence happens only to be discovered in the course of an unlawful check. That may be bad luck, but it is not unfair." Ghalhekk il-fatt wahdu li l-ispezzjoni kien abuziva ma jfissirx li z-zamma tal-ammont sostanzjali ta' xorb illi instab fuq ir-rikorrent kienet ukoll abbuziva.*

*Inoltre, ghalkemm ir-rikorrent jghid illi b'konsegwenza ta' dan l-agir hu kellu jixtri xorb iehor ghal festin tieghu u ghalhekk jinkorri spejjez inutli, ma tressaq ebda xrara t'evidenza dwar dan. Il-Qorti tqis illi dawn l-ispejjez, jekk verament saru, saru biss fuq ghazla tar-rikorrent illi ma jigborx ix-xorb minghand tad-dwana, li kien gie irilaxxat l-ghada fil-ghodu stess wara li gie mizmum. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-ufficjali tad-Dwana riedu l-ircevuta lura ma kienx essenzjalment abbuziv; ir-rikorrent dejjem setgha jaghmel kopja ta' din l-ircevuta qabel jirrilaxxha, biex ikollu prova dokumentarja ta' dak li kien gara*";

5. Illi l-intimat Direttur-Ġenerali tad-Dwana (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell tiegħu tas-26 ta' April, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent appellat u minflok tilqa' dan l-appell, u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-intimati u ħelset lill-intimat William Grech mill-ħarsien tal-ġudizzju u fejn ċaħdet it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrent appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

6. Illi l-appellat, minkejja li ġie notifikat kif imiss bir-Rikors tal-Appell, naqas li jressaq Tweġiba;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' Mejju, 2021;

9. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni marbuta maż-żamma ta' dħul f'Malta mid-Dwana ta' konsenja ta' xorb li ddaħħlet Malta għal użu privat u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minħabba f'hekk. Ix-xorb inġab minn pajjiż imsieħeb fl-Unjoni Ewropea mingħajr ma jitħallas dazju tas-sisa fuqu, li jkun diġa` tħallas fil-pajjiż minn fejn inxtara. Fl-azzjoni tiegħu, l-attur importatur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") xela lill-appellant li, minħabba l-limitazzjonijiet li mponielu bit-tiftix u ż-żamma tal-konsenja mal-wasla tagħha f'Malta, kien qiegħed ifixkel iċ-ċaqliq liberu tal-merkanzija bejn Stati Msieħba fl-Unjoni bi ksur tal-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropea; xela lill-intimat Grech (bħala l-fizzjal tad-Dwana

li żamm id-dħul tal-konsenja) b'imġiba abbużiva meta spezzjonaha u saħansitra żammha milli tinħareġ, minkejja li qabel it-tluq tiegħu minn Malta, ġab il-kunsens għall-importazzjoni tagħha mingħand l-istess appellant. L-ewwel Qorti sabet li x-xiljiet marbuta mal-ksur tat-Trattat miġjuba fil-konfront tal-appellant ma kinux mistħoqqa, imma sabet li l-prattika ta' spezzjonijiet mandatorji mill-uffiċjali tad-Dwana tmur kontra l-liberta` ta' moviment ta' prodotti ġewwa l-Unjoni Ewropea. Sabet ukoll li l-imħarrek Grech ma kellux iwieġeb personalment dwar din il-prattika u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, u sabet ukoll li ma setgħetx tilqa' t-talbiet tal-appellat għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, minħabba li ma kienx ressaq provi dwar id-danni li qal li ġarrab;

11. Illi ma tressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza li ħelset lill-imħarrek William Grech mill-ħarsien tal-ġudizzju u lanqas minn dik li ma laqgħetx it-tielet u r-raba' talbiet attriċi u, għalhekk, dik il-parti tas-sentenza appellata llum saret ġudikat;

12. Illi bl-appell tiegħu l-appellant ressaq **tliet aggravji**. L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti tat tifsira ħażina tal-Att Dwar is-Sisa[4] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Att") fil-qafas ta' dak li jipprovdi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l hemm imsejjaħ "TFUE"); it-tieni aggravju hu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li

[4] Att XVI tal-1995 (Kap 382).

nġabu quddiemha; u t-tielet aggravju hu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minnu meta mhux it-talbiet kollha tal-attur appellat intlaqgħu;

13. Illi **l-ewwel aggravju** huwa ġabra ta' lmenti li l-appellant ressaq mill-mod kif l-ewwel Qorti fissret id-dispożizzjonijiet tal-Att meta mqabblin ma' dak li jipprovdi t-TFUE. Jibda biex jgħid li l-Att innifsu jipprovdi għal miżuri ta' kontroll kemm fuq prodotti alkoħoliċi li jiddaħħlu f'Malta kif ukoll dawk prodotti f'Malta u għaldaqstant il-liġi ma tagħrafx bejn prodotti li jsiru f'Malta u dawk li jinġiebu minn barra. Jgħid li l-ilment imressaq f'dan il-każ mill-attur appellat ma jistax jitqabbel ma' miżura ta' restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li għandha effett simili kif imtenni fit-TFUE billi t-talba li l-appellat ressaq mad-Dipartiment tad-Dwana ħalli jkun jista' jdaħħal ix-xorb f'Malta ma saritx fuq insistenza tal-appellant, imma saret mill-appellat minn rajh. Filwaqt li jiċħad bil-qawwa li x-xorb li ġab miegħu f'Malta l-appellat kien f'xi ħin issekwestrat mid-Dwana, jgħid li l-fizzjali tad-Dwana kienu fuq il-post biex jiddentifikaw dawk il-persuni li kienu qed idaħħlu l-merkanzija f'Malta għal użu tagħhom personali minn kummerċjanti tax-xorb, biex b'hekk jitħaffef id-dħul tagħhom f'Malta. Dan kien qiegħed isir ukoll bil-għan li jinħoloq bilanċ bejn il-moviment ħieles ta' merkanzija leġittima u t-tħaris minn aġir abbużiv ta' min jipprova jdaħħal f'Malta prodott għal għanijiet kummerċjali (minflok għal użu personali) bi ħsara għal kummerċjanti oħra. Għalhekk, kull fizzjal tad-

Dwana kien fid-dmir li jitlob u jagħmel il-verifiki meħtieġa. Itenni li l-ewwel Qorti ma apprezzatx din il-ħaġa. Jgħid ukoll li fl-ebda waqt il-fizzjal Grech ma ta 'l wieħed x'jifhem li kellu jitħallas xi dazju tas-sisa f'Malta fuq ix-xorb importat mill-appellat;

14. Illi għalkemm l-appellat ma ressaqx Tweġiba formali, waqt it-trattazzjoni tal-appell quddiem din il-Qorti l-għaref difensur tiegħu rreferiha għas-sottomissjonijiet li kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda t-tħaddim xieraq tal-Att u tat-Trattat u, b'mod partikolari, tad-Direttivi Komunitarji li minnhom inħarġet il-leġiżlazzjoni f'Malta biex tirregola l-qasam[5]. Fi kliem l-appellat fl-imsemmija sottomissjonijiet miktuba, joħroġ ċar li l-għan tal-azzjoni tiegħu hija dik li jattakka "aspetti tal-proċeduri amministrattivi u komportament tad-Dwana fir-rigward ta' xiri ta' xorb alkoħoliku" u kif ukoll li "il-prattiċi amministrattivi tad-Dipartiment tad-Dwana jmoru kontra d-Direttiva 92/12/KEE (id-"Direttiva tas-Sisa") u speċifikament l-Artikoli 8 u 9 ta' tali Direttiva billi d-Dipartiment jadotta, b'mod żbaljat, kriterji suġġettivi u arbitrarji biex jiġi ddeterminat jekk ix-xiri ta' xorb alkoħoliku fi Stat Membru ieħor hux għall-użu personali tal-persuna li timpurtah, jew jekk hux miżmum għal skopijiet kummerċjali". B'żieda ma' dan, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq li saret quddiem l-ewwel Qorti qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, l-istess difensur kien iddikjara li "l-pern tal-kwistjoni huwa l-operat tad-Dwana f'dak iż-żmien

[5] Noti ta' Sottomissjonijiet tat-13.2.2015 u tas-26.11.2015 f'paġġ. 178 sa 193 u 236 sa 249 tal-proċess.

(Novembru tal-2008), illi l-affarijiet li kienu jagħmlu, (i)il-proċeduri li kienu jimplimentaw, huma, anke skont id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea, u kif ġie interpretat l-Artikolu 34 tat-Tratta mill-Kummissjoni, ixekklu l-importazzjoni minn stati membri oħrajn ta' alkolħol u tabakk għall-użu personali"[6]. Minn dawn is-sottomissjonijiet joħroġ ċar li l-għan tal-azzjoni attriċi kienet usa' mill-interessi milquta miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ għaliex kienet tattakka 's-sistema' nnifisha ta' kif id-Dwana taqtagħha li tagħmel spezzjonijiet u liema kejl kienet tuża biex tagħraf bejn importatur ta' ħwejjeġ għall-użu tiegħu minn dak li jdaħħal ħwejjeġ għal użu kummerċjali;

15. Illi jibda biex jingħad li, filwaqt li l-ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-appellant f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfassil tal-liġi nnifisha (b'dan li l-liġi ma xxekkilx il-moviment ħieles ta' prodotti bejn Stati Msieħba fl-Unjoni Ewropea, u lanqas kien intalab stħarriġ tal-liġi Maltija fis-seħħ), sabet li t-tħaddim ta' prattiċi minn fizzjali tad-Dwana meta l-merkanzija tiddaħħal f'Malta kien jikser il-moviment ħieles ta' prodotti ġewwa l-Unjoni Ewropea, imqar jekk minħabba l-fatt li dawk il-prattiċi ma kinux regolati (x'aktarx lanqas f'sura miktuba) f'qafas ċar u kienu x'aktarx imħollija jsiru b'mod suġġettiv li ma kienx mgħarraf u mħaddem b'mod ċar lil kulħadd u lil min, bħall-appellat, kien jinqabad f'qagħda bħal tiegħu;

[6] Traskrizzjoni tat-trattazzjoni f'paġ. 174 tal-proċess.

16. Illi l-ewwel Qorti sabet li m'għandux ikun li biex persuna timporta xorb għal użu personali tagħha, għandha qabel kollox tressaq talba lid-Dipartiment tad-Dwana. Tenniet li ladarba jkun tħallas id-dazzju tas-sisa fl-Istat minn fejn inxtrat il-merkanzija, spezzjonijiet u interrogazzjoni fit-tul ifixklu l-proċess tal-importazzjoni ħielsa. Is-sentenza appellata tagħlaq billi tgħid li d-Dwana għandha jkollha sistema elettronika effiċjenti li bih il-fizzjali tagħha jkollhom aċċess għal tagħrif aġġornat u meħtieġ fil-pront ħalli b'hekk jitnaqqas jew jixxejjen dewmien bla bżonn. L-ewwel Qorti waslet għall-fehma li, fil-każ tal-appellat, minn dan kollu ma kien hemm xejn regolat dakinhar li ġara l-episodju mertu tal-każ. Fuq kollox, jidher li dak li nqala' kien il-frott ta' nuqqas min-naħa tad-Dipartiment li mexxa kopji mhux ċari tad-dokument li kien bagħtlu l-appellat qabel ħalla Malta u liema kopji setgħu ħolqu suspetti jew tħassib fil-fizzjal Grech li ma messhomx qamu mill-ewwel. Għaldaqstant sabet li l-ewwel żewġ talbiet tal-appellat kienu mistħoqqa;

17. Illi l-kwistjoni li qed tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti m'hijiex jekk il-fizzjal Grech kellux is-setgħa li jwaqqaf u jagħmel verifiki fil-vettura misjuqa mill-appellat (liema setgħa jidher li fil-fatt tingħata mil-liġi[7]), iżda jekk din is-setgħa tmurx kontra t-Trattat fil-qafas tal-moviment ħieles ta' prodotti bejn Stati Msieħba tal-Unjoni. Mill-istess sottomissjonijiet imressqa mill-appellat, tifsira xierqa tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE kif

[7] Ara Art. 20, 21 u 25 tal-Kap 382.

toħroġ minn sentenzi tal-QĠUE[8] għandha twassal biex issib li kull kontroll doganali fuq l-importazzjoni fis-sura ta' kontrolli sistematiċi ta' spezzjoni jew twaqqif ta' vetturi, jikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva għall-finijiet tal-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE;

18. Illi kif ingħad minn dawn il-Qrati, il-liġi doganali titqabbel ma' liġi fiskali f'materja ta' interpretazzjoni u għandha tingħata tifsira dejqa[9]. Jekk wieħed iħaddem dan il-prinċipju għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, dan jista' jfisser ħaġa waħda biss: li sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin biżżejjed li jiġġustifikaw l-imposizzjoni ta' restrizzjonijiet, is-suq għandu jkun għal kollox ħieles[10];

19. Illi l-appellant iqajjem tliet argumenti taħt dan l-ewwel aggravju tiegħu: l-ewwel, li kien l-appellat minn rajh li qabel ma telaq minn Malta ressaq it-talba biex jitħalla jġib f'Malta x-xorb għall-festin li kellu maħsub, u ma kien imġiegħel bl-ebda mod li jagħmel dan u lanqas kien hemm tnikkir min-naħa tad-Dipartiment biex intlaqgħet it-talba tiegħu; it-tieni, li spezzjonijiet u verifiki huma għodda legali u fejjieda li d-Dwana tħaddem biex tiżgura li ma jkunx hemm abbuż; it-tielet, li l-merkanzija li daħħal miegħu l-appellat ma kinitx sekwestrata, iżda sempliċiment miżmuma

---

[8] B'eżempju jsemmi QĠE **11.7.2002** fir-Rinviju Preliminari fl-ismijiet ***Marks & Spencer v. Commissioners of Customs & Excise*** (C-62/00).
[9] App. Ċiv. **16.12.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***All for Property Ltd v. Il-Kontrollur tad-Dwana.***
[10] Ara f'dan is-sens QĠE **15.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Commission of the European Communities v. Republic of Finland*** (C-54/05)(każ dwar importazzjoni ta' vetturi).

sakemm saru l-verifiki meħtieġa, dan minħabba diskrepanzi li ħarġu bejn l-informazzjoni li ta l-appellat u dak li kellu f'idejh il-fizzjal Grech, liema verifika wara kollox damet biss ftit sigħat;

20. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tqis kull wieħed minn dawn l-argumenti. Mill-atti jirriżulta li, fiż-żmien li seħħ il-każ, id-Dwana kienet tħaddem il-prassi li biex persuna timporta merkanzija minn barra minn Malta għal użu personali tagħha mingħajr ma tħallas fuqha d-dazju tas-sisa mal-wasla tagħha f'Malta kienet teħtieġ forma ta' awtoriżżazzjoni. Fin-nuqqas ta' dik l-awtoriżżazzjoni, il-merkanzija ma kinitx titħalla tidħol f'Malta. Madankollu, ma kienx hemm xi formola speċifika li riedet timtela, iżda kien mistenni li din l-awtoriżżazzjoni tinkiseb b'kull mod li jkun[11]. L-importanza li d-Dwana tagħti għall-verifiki tirriżulta saħansitra minn ċirkulari li d-Dwana ħarġet lill-fizzjali bħala linja-gwida biex tgħinhom fil-qadi ta' dmirijiethom meta jkunu rinfaċċati b'merkanzija ta' din l-għamla[12]. Mill-atti jirriżulta wkoll li, tabilħaqq, il-konsenja tax-xorb li l-appellat daħħal miegħu f'Malta ma ġietx sekwestrata, iżda miżmuma ("*retained*") mill-intimat Grech sakemm saru l-verifiki meħtieġa aktar tard dakinhar filgħodu malli fetħu l-uffiċċji tad-Dwana. L-appellat ingħatatlu riċevuta li turi li l-merkanzija kienet fil-fatt miżmuma sakemm isir l-istħarriġ

---

[11] Ara Dok. "A" f'paġ. 9 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Anthony Busuttil tal-24 ta' Jannar, 2014.

[12] Ara Dok. "B" f'paġ. 154 tal-proċess.

meħtieġ[13] u li, wara li jkun sar tali stħarriġ, seta' jirtiraha malli juri u jrodd lura r-riċevuta;

21. Illi l-Qorti tqis li, fiż-żmien rilevanti, id-Dwana tabilħaqq kienet qiegħda fil-prattika titlob mingħand persuni bħall-appellat ħwejjeġ li l-liġi fis-seħħ ma kinitx titlobhom u li, effettivament, kienu jikkostitwixxu restrizzjoni fuq ir-regola tal-Artikolu 34 tat-TFUE. Ta' min jgħid li, saż-żmien li nqala' l-inċident mertu tal-każ, il-liġi tagħna kienet tgħid li, minkejja dak li jipprovdi l-Att[14], id-dħul f'Malta ta' xorb alkoħoliku (jew prodotti tat-tabakk) li persuna tikseb minn ġo Stat Imsieħeb għall-użu personali tagħha ma jiġbidx fuqu l-ħlas ta' dazju tas-sisa mal-wasla tal-konsenja f'Malta minnha stess[15]. Sa dak iż-żmien, il-liġi tagħna ma kinitx għadha tfisser il-kriterji ta' x'għandu jitqies li jkun "użu personali", u dawn il-kriterji (biex ikunu ta' gwida lid-Direttur appellant) ddaħħlu fl-Att xi żmien wara li nqala' l-każ mertu ta' din il-kawża[16]. Għalhekk, minkejja l-fehmiet tajba li seta' kellhom, il-pratiċi li d-Dwana kienet tħaddem f'dan ir-rigward la kienu msejsa fuq dispożizzjoni ta' liġi u lanqas imniżżla b'mod li kienu mfissra ċar għal kulħadd. Fuq kollox, il-jedd mogħti lil fizzjali tad-dwana li jwaqqfu vetturi[17] jew li jeżaminaw u jfittxu ġewwa vetturi u/jew jiġbru kampjuni ta' konsenji[18], kienu jiddependu minn ħtieġa ta' tħassib li l-

[13] Ara Dok. "B" f'paġ. 10 tal-proċess.
[14] Fl-Art. 4(1) tal-Kap 382.
[15] Reg. 3 tal-A.L. 361/07 (L.S. 382.01).
[16] Art. 14A tal-Kap 382 (li daħal fis-seħħ bl-Att XIII tal-2010).
[17] Art. 20 tal-Kap 382.
[18] Art. 21 tal-Kap 382.

ħwejjeġ kienu jistgħu jkunu konfiskati wara l-ksib ta' mandat ta' tfittxija[19] jew fuq xi "suspett raġonevoli" li dawk il-ħwejjeġ jistgħu jkunu konfiskati[20];

22. Illi għalhekk l-istennija min-naħa tad-Dipartiment li persuna titlob l-awtorizzazzjoni biex titħalla ddaħħal f'Malta għall-użu tagħha xorb (jew prodotti tat-tabakk) fi kwantita` meqjusa kienet, fiha nnifisha, miżura restrittiva għaliex kienet tqiegħed fuq dak li jkun proċess li kien mistenni li jsegwih minn qabel ma l-merkanzija tiddaħħal f'Malta u meta l-prinċipju ewlieni hu li dak il-ġarr ta' merkanzija ma kienx suġġett għall-ħlas ta' ebda dazju tas-sisa. B'dak li l-appellat wettaq "minn rajh" – jiġifieri li jitlob minn qabel l-awtorizzazzjoni biex jitħalla jdaħħal f'Malta xorb li d-dazju tas-sisa tiegħu kien imħallas fit-territorju minn fejn xtrah u ġol-limiti territorjali tal-Unjoni Ewropea – huwa kien qiegħed joqgħod għal miżura li l-liġi ma titlobhiex u li, effettivament, iddgħajjef il-ħsieb wara l-kunċett tal-moviment ħieles ta' ħwejjeġ għal użu personali fi ħdan l-Unjoni. Dan jingħad għaliex talba bħal dik magħmula minn persuna bħall-appellat tqiegħed f'moħħ dak li jkun il-fehma li trid tingħata approvazzjoni amministrattiva biex tikseb dak li huwa tabilħaqq jedd mogħti mill-ordinament. X'aktarx li awtorizzazzjoni bħal dik li talab u kiseb l-appellat serviet ta' ngassa biex tiġbed attenzjoni fuqu (jekk mhux ukoll suspett mhux mistħoqq) li, sa ma jintweriex il-kontra, ma kellha bżonn tqum xejn;

[19] Art. 19 tal-Kap 382.
[20] Art. 25 tal-Kap 382.

23. Illi f'dak li jirrigwarda l-argument fejn l-appellant jiġġustifika l-miżuri dipartimentali li d-Dwana kienet tħaddem dak iż-żmien bħala għodda meħtieġa biex jinqabdu dawk li jippruvaw jidħku bis-sistema u jagħmlu importazzjonijiet ta' sura kummerċjali moħbija wara talba ta' "użu personali", din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' argument li jrid li mal-ħażin jeħel it-tajjeb u li *a priori* kulħadd jintefa' f'keffa waħda. Fit-tieni lok, ir-regola ewlenija tal-moviment ħieles ta' ħwejjeġ fil-medda tal-Unjoni Ewropea tista' titwarrab biss f'każijiet eċċezzjonali u lanqas huwa meħtieġ li jintwera li jkun ingħata trattament diskriminatorju bejn ħaġa u oħra[21]. Fit-tielet lok, mill-atti tal-kawża ħareġ ċar li t-twaqqif tal-appellat mal-wasla tiegħu f'Malta dakinhar u dak li seħħ minnufih wara kien il-frott ta' "malintiż" amministrattiv li l-appellat ma kien bl-ebda mod jaħti għalih;

24. Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-appellant ma wera li kien hemm l-ebda ċirkostanza fejn ir-regola tal-moviment ħieles ta' ħwejjeġ kellha titwarrab minħabba xi ħaġa straordinarja. Għall-kuntrarju, tqis li fi żminijiet ta' teknoloġiji avvanzati, wieħed jistenna li d-Dwana jkollha sistema qawwija u effettiva biżżejjed biex tipproċessa dokumentazzjoni u taqbad lil min jipprova jilgħabha tal-iblah biex (litteralment) ma jħallasx dwana, bla ma jkollha għalfejn tistrieħ fuq pratiki li jikkostitwixxu

---

[21] Ara QĠE **20.2.1979** fir-Rinviju Preliminari fl-ismijiet ***Rewe-Zentral A.G. v. Bundesmonopolwerwaltung fur Branntwein*** (*Cassis de Dijon* Case) (C – 120/78) u t-tifsira li ngħatat lill-Artikolu 28 tat-Trattat (ex-art 30 tat-TUE).

restrizzjonijiet kwantitattivi jew oħrajn b'effett ekwivalenti[22]. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tista' qatt tiġġustifika l-"malintiż" dipartimentali li seta' nqala' minħabba dokument bħal dak li bagħat l-appellat qabel ma ħalla Malta, li wassal biex tkun l-istess Dwana li toħloq xkiel u dewmien bla bżonn lill-appellat (u lil kull min seta' nzerta fil-qagħda tiegħu) mal-wasla lura tiegħu f'Malta bix-xorb dazjat li kien xtara fl-Italja. Għaldaqstant it-tieni u t-tielet argumenti mressqa mill-appellant ukoll ma jreġux;

25. Illi, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta sabet li l-aġir tal-appellant kien jikkostitwixxi miżuri ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi[23] bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tat-TFUE u tal-liġi Komunitarja kif trasposta fil-liġi Maltija. Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju m'huwiex mistħoqq u ma jixraqlux jintlaqa';

26. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **it-tieni aggravju** li jitkellem dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti qieset fatti li ma kinux minnhom jew tat tifsira mhux tajba ta' fatti li rriżultaw. Jidher li dan l-aggravju tressaq biex isaħħaħ l-ewwel

---

[22] Ara QĠE **11.7.1974** fir-Rinviju Preliminari fl-ismijiet ***Procureur du Roi v. Benoit Dassonville et*** (C – 8/74).
[23] Ara QĠE **12.7.1973** fir-Rinviju Preliminari fl-ismijiet ***Risiera Luigi Geddo v. Ente Nazionale Risi*** (C – 2/73) (dwar il-ħtieġa li restrizzjonijiet ikunu mfissra f'regolamenti).

wieħed u biex juri li l-appellant u niesu mxew tajjeb mal-appellat u li mġibithom ma kienet bl-ebda mod tikser il-liġi;

27. Illi filwaqt li l-piż tal-prova f'azzjoni bħal din jaqa' fuq minn jallega, teżisti regola ta' applikazzjoni proċedurali oħra li trid li fejn f'każ joħorġu żewġ verżjonijiet li jmorru għal kollox il-waħda kontra l-oħra, il-Qorti għandha tagħżel li tqis dik il-verżjoni tal-parti mħarrka, u dan fuq il-bażi tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[24] u tar-regola ta' in *dubio pro reo*. Iżda huwa daqstant ieħor aċċettat li mhux kull konflitt jew kontradizzjoni fil-verżjonijiet tar-rispettivi partijiet f'kawża għandu jwassal lil min irid jagħti ġudizzju biex jieqaf milli jista' jiddeċiedi b'kuxjenza kwieta bla ma jkollu jdur għall-imsemmija regola[25];

28. Illi ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[26]. Madankollu, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi*

[24] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et*** (mhix appellata).
[25] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar v. David Curmi noe*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tad-**19.6.2006**).
[26] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma.***

*fejn tidħol kredibilita` ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravita` tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilita` tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[27];

29. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant. Minn qari tal-atti, lill-Qorti jirriżultalha li l-appellat ressaq talba lill-appellant għall-awtorizzazzjoni sabiex idaħħal miegħu f'Malta konsenja ta' xorb għall-użu personali tiegħu għaliex dik kienet il-prassi segwita dak iż-żmien. Kemm hu hekk, meta l-appellat staqsa dwarha, intalab jagħmel hekk minn uffiċjal tad-Dwana[28]. Jirriżulta wkoll li l-lista tax-xorb li l-appellat hemeż mat-talba li ressaq lill-appellant ma twasslitx għand l-intimat Grech kif kien bagħatha. Għalhekk, meta Grech kien qed jivverifika l-konsenja li l-appellat kellu fil-vettura tiegħu, ħarġu dawk li setgħu kienu jidhru bħala diskrepanzi. Il-ħtija kienet biss fil-kopja

---

[27] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.***

[28] Dan jirriżulta mill-email li l-appellat bagħat lil Albert Scerri fl-10 ta' Novembru, 2008. Ara f'dan is-sens Dok. "A" f'paġ. 9 tal-proċess.

li ngħata Grech, imma mhux fit-tagħrif li kien bagħat l-appellat. Ma hemmx dubju li fl-atti tal-kawża hemm xhieda konfliġġenti bejn il-partijiet dwar x'ġara tabilħaqq meta l-appellat ġie mgħarraf mill-intimat Grech li l-merkanzija kienet ser tinżamm, x'diskors ingħad u x'wassal biex issejħet l-assitenza tal-pulizija fuq il-post. Ħareġ ukoll li l-konsenja nżammet imma ma kinitx konfiskata u li l-appellat ingħata riċevuta li kellu juri meta jmur biex jiġborha wara li kellhom isiru l-aċċertamenti li d-Dwana kellha f'moħħha;

30. Illi din il-Qorti jidhrilha li safejn dan l-aggravju jirrigwarda l-imġiba u s-sehem li ħa l-fizzjal William Grech, lanqas hemm għalfejn tistħarrġu. Dan jingħad għaliex l-ewwel Qorti ħelset lil Grech mill-ħarsien tal-ġudizzju u billi ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza, x'seta' għamel dak l-intimat huwa milqut bil-ġudikat. Dwar l-irjus l-oħrajn ta' dan l-aggravju, il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ħadet qies ta' u kkummentat sewwa l-fatti li tressqu quddiemha (u dan l-eżerċizzju għamlitu wkoll fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-fatti li kien ressaq quddiemha l-perit legali minnha maħtur) u saħansitra tat il-fehmiet tagħha dwarhom. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti dwar dawk il-fatti li lanqas l-appellant ma jgħid li kien xi apprezzament illoġiku jew miċħud mill-atti proċesswali. Minbarra dan, safejn dan l-aggravju jipprova juri li mġiebet il-funzjonarji tad-Dwana ma kinitx ċensurabbli, din il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet magħmula

taħt l-ewwel aggravju[29] u tgħid li dan it-tieni aggravju mhux mistħoqq u għalhekk sejjer jintlaqa';

31. Illi dwar it-**tielet aggravju**, l-appellant jilmenta li m'għandux ibati waħdu l-ispejjeż tal-kawża. Itenni li l-ispejjeż kellu jerfagħhom biss l-appellat;

32. Illi l-Qorti tqis li l-liġi nnifisha taħseb għall-każ fejn qorti tista' torbot lil xi parti f'kawża bil-ħlas tal-ispejjeż[30]. F'każ bħal dan, il-kap tal-ispejjeż għandu jieħu qies tat-talbiet attriċi u tal-konklużjonijiet li l-Qorti waslet għalihom biex tilqa' jew tiċħad tali talbiet għal kollox jew f'biċċa minnhom;

33. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ ċar li mhux it-talbiet kollha li l-appellat ressaq fil-kawża ntlaqgħu. Mhux hekk biss, imma l-proċeduri kontra l-intimat William Grech ma ġewx milqugħa, u l-istess ħaġa tgħodd għat-tielet u r-raba' talbiet attriċi li l-ewwel Qorti ċaħdithom fuq nuqqas ta' provi. Dan l-aggravju huwa mistħoqq. Fl-ewwel lok, il-ħelsien tal-imħarrek Grech mill-ħarsien tal-ġudizzju kellu minnufih iwassal lil min ħarrku għal xejn biex jerfa' l-ispejjeż tiegħu hu. Fit-tieni lok, ladarba mhux it-talbiet attriċi kollha ntlaqgħu, ir-regola tistenna li f'dak ir-rigward ukoll ikun hemm qsim tal-kap tal-ispejjeż. Min-naħa l-oħra, il-ħsieb tal-

[29] §§ 21 – 4 *supra*.
[30] Art. 223(3) tal-Kap 12.

appellant li l-ispejjeż kellu jerfagħhom l-appellat waħdu wkoll ma jistax jintlaqa';

34. Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jinqasmu kif ġej: li dawk marbutin mal-imħarrek William Grech ibatihom kollha l-attur appellat, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż ta' dik l-istanza jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet;

35. Illi għaldaqstant l-aggravju tal-appellant qiegħed jintlaqa' biss f'parti minnu. Dwar il-kap tal-ispejjeż ta' din it-tieni istanza, u ladarba mhux l-aggravji tal-appell kollha se jintlaqgħu, il-Qorti sejra tirregola wkoll kif jidhrilha xieraq fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza;

***Deċide:***

36. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti** l-appell tad-Direttur-Ġenerali appellant mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi fir-rigward tat-tielet aggravju tiegħu dwar il-kap tal-ispejjeż, imma **tiċħad l-appell fil-bqija** bħala mhux mistħoqq fil-fatt u lanqas fid-dritt, u għalhekk qiegħda **tirriforma** l-istess sentenza appellata billi l-kap tal-ispejjeż għandu jkun li l-ispejjeż marbutin mal-imħarrek

William Grech ibatihom kollha l-attur appellat, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż ta’ dik l-istanza jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet; u **tikkonferma** għal kollox is-sentenza appellata għall-bqija; u

**Tordna** li l-appellant iħallas tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) tal-**ispejjeż ta’ dan l-appell** u l-appellat il-kwart ($^{1}/_{4}$) li jifdal.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm